**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A Magri, B.Litt., LL.D.**

Francis Galea

*versus*

Bartolomeo Grech

**Kolliżjoni — Danni — Kura Medika — Inkapaċità Personali — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu prinċipju, rikonoxxut u ammess mill-ġurisprudenza, illi l-kura medika hija rimessa għall-fiduċja personali tal-pazjent.*

*F'materja ta' inkapaċità personali sofferta mid-danneġġjat bi ħtija tad-danneġġjant, il-ġurisprudenza stabbiliet ukoll illi ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, u kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ, u illi, fost il-kriterji li tindika l-liġi, veru li hemm ix-xorta u l-grad tal-inkapaċità, iżda dan hu wieħed biss mill-kriterji, u għalhekk l-ammont tad-danni riżarċibbli mhux neċessarjament għandu jkun proporzjonat dejjem għall-grad tal-inkapaċità. Fil-fissazzjoni tal-"lucrum cessans" għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi elementi, fosthom prinċipalment l-età ta' min sofra*

*l-inkapaċità, u kwindi mhux biss il-proventi t'egħu qabel il-każ, imma anki dawk potenzjali.*

*Lanqas ma għandu jiġi kunsidrat, fil-likwidazzjoni tal-"lucrum cessans", 'l-fatt li t-telf ta' paga tad-danneġġjat fil-mument tal-kolliżjoni ma kienx telf effettiv; għax il-liġi tiddistingwi bejn it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor "attwali" u t-telf ta' qliegħ ieħor li d-danneġġjat ibati "l-quddiem" minħabba l-inkapaċità.*

*Fost id-danni emerġenti, fil-każ preżenti, il-Qorti akkordat lid-danneġġjat l-ispejjeż ta' vjaġġ li hu għamel biex mar jikkura ruħu f'Catania minħabba leżjoni sofferta a kawża ta' kolliżjoni, flimkien mal-ispiża li hu għamel f'Catania għal dik il-kura.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta illi fis-26 ta' Marzu 1953, għall-ħabta ta' xi s-6.45 a.m., il-konvenut, b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u inosservanza tar-regolamenti, waqt li kien isuq motor-cycle numru 2929, ħabat mal-motor-cycle numru 5226, misjuq mill-attur, u kkaġuna b'hekk kemm ħsara fil-motor-cycle tal-attur kif ukoll ikkaġuna ferita gravi b'debilitazzjoni permanenti fir-riġel tal-lemin tal-attur; u li kawża tal-ferita l-attur sofra danni konsistenti kemm fi ħsara fil-motor-cycle kemm ukoll fi spejjeż ta' kuri, operazzjonijiet sew f'Malta kemm ukoll barra minn Malta, telfien ta' xogħol, u inkapaċità parzjali għax-xogħol tiegħu; u li l-konvenut, interpellat sabiex jiġi għall-likwidazzjoni bonarja u ħlas tad-danni, ma weġibx; talab li l-istess konvenut, prevja d-dikjarazzjoni minn dil-Qorti li huwa responsabbli għad-danni u feriti kaġunati lill-attur fuq imsemmija, jiġi minn din l-istess Qorti kundannat iħallas lill-attur somma li dil-Qorti jogħġobha tiffissa jekk hemm bżonn in linea ta' danni, kaġunati kemm fil-motor-cycle u kemm ukoll bħala effett tal-offiża sofferta mill-attur kif fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ġunju 1954, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-ewwel relazzjoni tiegħu, wasal għall-konklużjoni illi l-konvenut hu responsabbli għad-danni sofferti mill-attur bħala konsegwenza tal-kollizjoni, u llikwida d-danni riżarċibbli fis-somma komplessiva ta' £896. 12.0, salv li ma' din is-somma jiżdied anki l-ammont tal-kont li jista' l-quddiem jiġi mħallas lill-Medical & Health Department għall-kura u manteniment tal-attur fl-Isptar ta' St. Luke; liema konklużjoni ma ġietx mill-perit modifikata fl-imsemmija relazzjoni supplementari;

Illi l-konvenut fin-nota tiegħu fol. 69 issottometta illi responsabbli tal-kollizjoni kien l-attur minħabba l-veloċità *eċċessiva li biha kien isuq; u illi, fi kwalunkwe każ, anki* l-attur ikkontribwixxa għall-kollizjoni, minħabba dik il-veloċità. Għall-argumenti tal-konvenuti irrisponda eżawrjentement il-perit ġudizzjarju; u l-Qorti taqbel mal-perit;

Illi l-konvenut ikkontesta wkoll il-likwidazzjoni tad-danni riżultanti mill-perizja, prinċipalment (1) dwar l-*ispiża* ta' £193 għall-vjaġġ tal-attur f'Catania u għall-kura lilu magħmula minn Dr. Schillaci, l-ispeċjalista minnu konsultat, u (2) dwar l-ammont ta' £400 bħala danni għall-inkapaċità permanenti li sofra l-attur;

Illi, kwantu għall-partita ta' £193, hu prinċipju rikonoxxut u ammess mill-ġurisprudenza, li l-kura medika hija rimessa għall-fiduċja personali tal-pazjent (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Costantino Micallef", definita fil-11 ta' Novembru 1950, u preċiżament id-digriet mogħti fl-istess kawża fit-12 ta' Awissu ta' dik is-sena; ara wkoll l-atti tal-kawża in re "Demarco utrinque" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju 1933). Issa, irriżulta illi l-Professur Alfred Craig dik il-ħabta ma kienx Malta (fol. 12), u t-tobba li kkonsulta l-attur ma pperswadewhx; kien għalhekk li hu qata' qalbu mit-tobba lokali u mar għand speċjalista Catania. Il-Qorti, f'dan l-aġir tal-attur, ma ssib xejn bjażimevoli u kuntrarju għall-prinċipju fuq riferit; u konsegwentement il-partita fuq imsemmija jistħoqqilha tiġi ammessa;

Illi, kwantu għall-partita l-oħra ta' £400, ta' min jiftakar dak li stabbiliet il-ġurisprudenza tagħna, jiġifieri (1)

illi f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, u kollox jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ (Kollez. XXXVI-I-181; u Appell Ċivili 9 ta' Marzu 1956 in re "Fenech vs. Galea", ċitata mill-konvenut); (2) illi, fost il-kriterji li tindika l-liġi (art. 1088 Kod. Ċiv.), veru li hemm ix-xorta u grad ta' inkapaċità, iżda dan hu wieħed biss mill-kriterji, u għalhekk l-ammont tad-danni riżarċibbli mhux neċessarjament għandu jkun proporzjonat dejjem għall-grad ta' inkapaċità, kif jippretendi l-konvenut; fil-fissazzjoni tal-"lucrum cessans" għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi elementi, fosthom prinċipalment l-età ta' min sofra l-inkapaċità, u kwindi mhux biss il-proventi tiegħu qabel il-każ, imma anki dawk potenzjali (App. Ċiv. 20 ta' Jannar 1956, in re "Callus pr. et ne. vs. Zammit"). Issa, meta wieħed jikkunsidra illi l-kapaċità tiegħu għax-xogħol, li jirrikjedi twaqqif, u l-użu tal-irqoppa hija menomata (fol. 9), illi fejn qabel l-attur kien isuq "heavy vehicles" (fol. 13) il-lum hu tajjeb għal xogħol ħafif biss, bir-riduzzjoni konsegwenzjali tal-proventi tiegħu, u dan barra l-fatt li l-attur b'sieq waħda aqsar mill-oħra, ikollu jippreżenta ruħu dejjem bil-"walking calibre", il-likwidazzjoni magħmula mill-perit ġudizzjarju ma tidherx eċċessiva;

Illi, barra minn dan, il-konvenut fin-nota tiegħu fol. 86 irrileva li t-telf ta' paga soffert mill-attur, fil-mument tal-kollizjoni, ma kienx telf effettiv, u għalhekk għandu jiġi kunsidrat fil-likwidazzjoni tal-"lucrum cessans". Din is-sottomissjoni ma taqbelx mall-liġi, li tiddistingwi bejn it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor "attwali" u t-telf ta' qliegħ ieħor li d-danneġġjat ibati "l-quddiem" minħabba l-inkapaċità (art. 1088(1) Kod. Ċiv.); u kieku t-teżi tal-konvenut kienet sostenibbli, dik id-distinzjoni ma kienx ikun hemm lokha;

Illi, però, il-perit fuq il-provi li rriżultawlu llikwida għat-telf ta' paga li sofra l-attur is-somma ta' £299.5.0. fuq il-bażi ta' £4.15.0 fil-ġimgħa; in segwitu l-attur xehed li dak inhar tal-aċċident is-salarju tiegħu kien ta' £4.10.0 fil-ġimgħa, u eżibixxa l-ittra tat-18 ta' Marzu 1958 (fol. 89), li minnha jidher illi hu rċieva mid-Dipartiment tas-Social Welfare is-somma ta' £92.8.0 bħala għajnuna għall-perijodu bejn is-7 ta' Ġunju 1953 sat-3 ta' Lulju 1954. Taħt

dawn iċ-ċirkustanzi, l-ammont likwidat mill-perit għandu jiġi ridott għas-somma ta' £191.2.0;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adożżjoni tar-relazzjonijiet peritali kif fuq modifikati;

Tilqa' t-talbiet tal-attur billi tikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' £788.9.0 għad-danni biss kompriżi fil-likwidazzjoni peritali; b'riżerva ta' danni oħra, "si et quatenus";

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.